VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,702, 23 ta' Diċembru, 2016
Taqsima B

A.L. 427 tal-2016

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (KAP. 545)

Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-*Petroleum* fis-Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa fuq l-Art, l-Ibbottiljar tal-LPG u l-Faċilitajiet tal-Ħżin Primarji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37(1) tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-*Petroleum* fis-Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa fuq l-Art, l-Ibbottiljar tal-LPG u l-Faċilitajiet tal-Ħżin Primarji, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-*Petroleum* fis-Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa fuq l-Art, l-Ibbottiljar tal-LPG u l-Faċilitajiet tal-Ħżin Primarji, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 545.20

(2) Ir-regolamenti 5 u 6 għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "importatur" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "importatur" tfisser il-provditur awtorizzat li jkun awtorizzat mir-Regolatur biex iwettaq l-attività ta' importatur u, jew grossista tal-*petroleum* li jirrilaxxa għall-konsum fis-suq tal-karburanti fuq l-art skont l-Att dwar Dazju tas-Sisa;"; Kap. 382.

(b) minnufih wara t-tifsira "kodiċi CN" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "konsulent indipendenti" tfisser persuna fiżika jew ġuridika b'esperjenza internazzjonali ppruvata u kompetenza fid-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE, liema esperjenza internazzjonali ppruvata u kompetenza tkun ġiet aċċertata mill-applikant għal awtorizzazzjoni;.";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "riċevitur" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "rilaxx għall-konsum" għandu jkollha l-istess tifsira bħal ma għandha fl-Att dwar Dazju tas-Sisa;"; u

Kap. 382.

(d) it-tifsira "spezzjoni tal-verifika" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "spezzjoni tal-verifika" tfisser spezzjoni mmexxija minn persuna kompetenti jew minn konsulent indipendenti biex tivverifika li l-faċilità awtorizzata tkun qed tiġi operata u miżmuma skont il-kondizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni u l-linji gwida li r-Regolatur jista' minn żmien għal żmien joħroġ;".

Jemenda r-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (2) tar-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "jkunu ġew osservati." għandhom jid]lu l-kliem "jkunu ġew osservati:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda fil-każ ta' faċilità primarja tal-ħżin li taqa' taħt ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar, minflok dik iċ-ċertifikazzjoni, il-provditur awtorizzat ta' dik il-faċilità għandu jissottometti dikjarazzjoni magħmula minn konsulent indipendenti li jaġixxi f'ismu li biha jiddikjara li r-rekwiżiti u l-obbligi kollha kif stabbiliti mir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar qegħdin jiġu osservati u li l-istallazzjoni m'hijiex suġġetta għal ebda projbizzjoni maħruġa taħt ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar.".

L.S. 424.19

Jemenda r-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali.

4. Is-subregolamenti (3), (4) u (5) tar-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu sostitwiti bis-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(3) L-ebda persuna, ħlief il-persuna kompetenti,

konsulent indipendenti jew persuna -

(a) li tkun approvata bil-miktub mir-Regolatur; u

(b) li tkun kontrollata mill-persuna kompetenti, jew minn konsulent indipendenti,

m'għandha twettaq tibdil materjali fuq faċilità awtorizzata.

(4) Meta jkun qed isir it-tibdil materjali, il-persuna kompetenti jew il-konsulent indipendenti għandu jsegwi kull linja gwida li r-Regolatur jista' minn żmien għal żmien joħroġ.

(5) Ġaladarba t-tibdil materjali jitlesta l-persuna kompetenti jew il-konsulent indipendenti kkummissjonat mill-provditur awtorizzat biex iwettaq it-tibdil materjali għandu jissottometti ċertifikazzjoni bil-miktub li l-ħtiġiet tas-sigurtà imposti fuq il-faċilità awtorizzata jkunu ġew osservati.".

Jissostitwixxi r-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"33. (1) L-importatur għandu jirrilaxxa għall-konsum fis-suq tal-karburanti fuq l-art ammonti ta' *biofuel* li għandhom jintużaw bħala karburant fil-forom kollha tat-trasport li bħala minimu għandhom ikunu kif previst fis-Sitt Skeda u liema ammonti għandhom jiġi kkalkulati skont il-metodoloġija hemm prevista:

Iżda l-obbligu msemmi preċedentement għandu jinkombi biss fuq l-importatur li jirrilaxxa għall-konsum għal fini tax-taxxa tad-dazju l-petrol MSA EN 228 u d-*diesel* MSA EN 590.

L-ammont totali ta' *biofuel* li għandu jiġi rilaxxat għall-konsum fis-suq tal-karburanti fuq l-art għandu jiġi kkalkulat permezz tal-kontenut tal-enerġija kif elenkati fis-Seba' Skeda. Il-*biofuel* għandu jiġi rilaxxat għall-konsum fis-suq tal-karburanti fuq l-art imħallat minn qabel mal-petrol MSA EN 228 u, jew id-*diesel* MSA EN 590:

Iżda wkoll għall-finijiet tad-*diesel* MSA EN 590, il-kontenut ta' *fatty acid methyl ester (FAME)* tal-ammont ta' *biofuel* għandu jkun skont MSA EN 14214, u għall-fini tal-petrol MSA EN 228, il-kontenut ta' bijoetanol tal-ammont ta' *biofuel* għandu jkun skont MSA EN 15376:

Iżda aktar, il-kontenut tal-enerġija kontribwit minn *biofuels* prodotti minn skart, residwi, materjal ċellulożu mhux mill-ikel u materjal mill-injam ċellulożu għandu jitqies bħala d-doppju ta' dak kontribwit minn *biofuels* oħrajn.

(2) L-importatur imsemmi fis-subregolament (1) għandu jiżgura li l-ammonti minimi ta' *biofuel* rilaxxati għall-konsum fis-suq tal-karburanti fuq l-art, ikun verifikat u misjub li jkun iħares il-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar il-Kriterji ta' Sostenibbiltà tal-Biokarburanti.".

L.S. 545.28

Jissostitwixxi s-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

6. Is-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-iskeda ġdida li ġejja:

"IS-SITT SKEDA

(Regolament 33(1))

Year	Kontentut minimu ta' *biofuel* (%) li għandu jiġi rilaxxat għall-konsum fis-suq tal-karburanti fuq l-art mill-importatur tal-petrol MSA EN 228 u, jew *diesel* MSA EN 590 kkalkulat skont il-metodoloġija f'din l-Iskeda
2011	1.5%
2012	2.5%
2013	3.5%
2014	4.5%
2015	5.5%
2016	6.5%
2017	7.5%
2018	8.5%
2019	9.5%
2020	10.0%

L-ammonti minimi ta' *biofuel* espressi bħala ammont ta' perċentwali li għandha tiġi rilaxxata għall-konsum fis-suq tal-

karburanti fuq l-art imħallta minn qabel mal-petrol MSA EN 228 u, jew mad-*diesel* MSA EN 590, u kkalkulata skont il-kontenut tal-enerġija għandhom ikunu:

$$\left[\frac{\text{Kontenut tal-Enerġija tal-}\textit{biofuel}\ (^{*})}{\text{Kontenut tal-Enerġija tal-}\textit{biofuel}\ (^{**}) + \text{Kontenut tal-Enerġija tal-}\textit{petroleum}\ \text{(MSA EN 228 \& MSA EN 590}}\right] \text{ x } 100\%$$

Fejn

(*) *biofuels* prodotti minn skart, residwi, materjal ċellulożu mhux mill-ikel u materjal mill-injam ċellulożu għandhom jitqiesu bħala d-doppju ta' dak kontribwit minn *biofuels* oħrajn

(**) kontenut tal-enerġija tal-*biofuel* għandu jingħadd darba irrispettivament mill-oriġini tiegħu.".